Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 44**
**Tlieta 27 ta'Settembru**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida Itaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Romina Galea : Viċi Sindku (Harget 7:20pm)
Judy Sciberras : Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

44.1.01 Il-Kunsilliera kollha kienu prezenti

**44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

44.2.01 Il-Minuti ta'Seduti L8-42 u L8-43 ittieħdu bħala moqrija.
Kien hemm korrezzjoni ta' kliem mibdula fil- minuti 42.4.02, 42.4.03. u 42.5.21 ġiet miżjuda
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

44.3.01 B'referenza għal minuti 37.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar applikazzjoni li saret mil-Kunsill Lokali l-Imsida flimkien mal-Għaqda Nanniet Malta u il-Belt ta' Buchemi go Sqallija għal fondi Ewropew. Hawn fakkret li dan kien bi skop għal implimentazzjoni ta' programm dwar iċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri (CERV) fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti l-applikazzjoni kwalifikat u ġiet approvata.

44.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar stedina mill-Komunità Indjana f'Malta għaċ-ċelebrazzjoni ta' Durga Puja li se ssir fil-Gżira nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru fit-Teatru Orpheum fil-Gżira bejn is-6.30 u l-10.30pm. Dan huwa avveniment li qed jiġi organizzat mill-'Bengali Association of Malta'.

44.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal is-Sur Michael Falzon stieden lill membri tal-kunsill għal laqgħa nhar it-Tnejn 17 ta'Ottubru.

44.3.04 B'referenza għal minuti 39..4.18, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar spekulazzjonijiet u mistoqsijiet li regghu qed isiru dwar il-proġett ta' l-Imsida Creek u l-Flyover. Hawn spjegat li qabel ma' taqbad tikkummenta qed titlob għal laqgħa ma'rappreżentant tal-IM biex l-ewwel jispjega eżatt il-proposti fil-pjanti ġodda u imbagħad il-kunsill jagħmel il-kummenti.

**44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

44.4.01 B'referenza għall-minuti 42.3.01, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li l-programm ta' laqgħat Nanniet Malta go L-Imsida bħala Hub ġdida se jibda aktar il' quddiem minflok id-data li kienet mħabbra iżda xorta se jinżammu nhar ta'Erbgħa bl- istess ħin.

44.4.02 B'referenza għall-minuti 42.3.03 dwar lukanda ġdida go Triq tal-Hriereb u l-permessi għal siġġijiet u mwejjed relatati ma' PA/06630/21, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret talba uffiċjali lill TM biex jivverifikaw marki ta'traffiku li ma'sarux mill-Kunsill. Sar ukoll rapport ieħor mal-MTA biex jivverifikaw il-ħin tal-operat tal-attività kummerċjali b'konnessjoni mal-għamara li qed titħalla barra 24/7 fl-ispazju allokat iżda mhux skond il-permess tal-PA.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa kif il-PA tikkonsulta mal-kunsill lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-PA jibgħat notifika elettronika dwar applikazzjonijiet għal żvilupp b'ftit dettalji fhiex jikkonsisti. Minn ftit ta' xhur lil hawn il-kunsill ħa aċċess għas-sit biex jara x'hemm eżatt biex imbagħad fejn ikun meħtieġ ssir oġġezzjoni. Iżda jista' jkun li f'każi bħal dan l-oġġezzjoni mhux dejjem tkun milqugħa minħabba li l-applikazzjoni tkun fil-parametri ta'policies fil-pjan ta'żvilupp f'zona li kien sar bosta snin ilu.

Sur Emanuel Brincat spjega kif b'mod regolari qed jidħol fis-sit u jara x'hemm Imbagħad fejn meħtieġ qed jiġbed l-attenzjoni tal-perit u jikkopja Segretarju Eżekuttiv biex ssir oġġezzjoni.

44.4.03 B'referenza għal minuti 42.4.01, Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar l-istima għal madum tal-bankina faċċata tal-promenade.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li ma' waslitx l-istima kompluta iżda ta' kemm tiġi bil-metru għalhekk talab biex l-stima tintbagħat kompluta.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew dwar id-dewmien tal-promenade filwaqt li Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ġibdet l-attenzjoni li mhux qed tara kif dan se jsir (bdil tal-madum) sakemm ikun lest ix-xogħol tal-proġett attwali tad-drenaġġ minħabba li jinsab miexi sew u wisq probabbli għal ammont tal- istima se jkun hemm bżonn li ssir sejħa għal tender u l-proċess għandu żmien tiegħu.

44.4.04 B'referenza għal minuti 42.4.02, dwar ir-rampa fil-bankina ta' Triq Prinċipessa Margaret , Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li reġa' ikkomunika mas- Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ta'Xbiex li konfermat li ma' waslet l-ebda talba biex tinħeles il-garanzija fl-istess ħin kien osservat f'sit tal- Awtorità għal ippjanar li kien hemm approvat PA 07935/19 għal alterazzjoni f'rampa li qed tiġi verifikata.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet ukoll dwar il parti ta' Triq li għada ma'saritx fejn kien hemm żvilupp go' Triq Giuseppe Cali Ta' Xbiex k.m Triq Prinċipessa Margerita l-Imsida fejn spjegat li ż-żewġt Kunsilli Lokali kitbu uffiċjalment l-CEO ta' Infrastructure Malta biex jivverifika dak li qed issostni l-iżviluppatur li kien hemm ħlas ta'kontribuzzjoni għat-Triq li trid issir mill- Gvern Centrali.

44.4.05 B'referenza għal minuti 42.4.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-kollezzjoni ta' skart domestiku fejn spjegat li xorta baqa' hemm kontinwazzjoni tal- ilmenti dwar is-servizz li huwa ħażin.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan is-suġġett qed ikun diskuss bosta drabi għalhekk qed jitlob lill kunsilliera biex ssir laqgħa mill- iktar fiss mal-kuntrattur dwar dawn in-nuqqasijiet.
Il-Kunsilliera preżent ddiskutew u qablu unanimament li tissejjah laqgħa mal-kuntrattur nhar il-Ġimgħa 7 ta'Ottubru fil-5 pm.

44.4.06 B'referenza għal minuti 42.4.04, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li Ir-Reverse Vending Machines, fejn il-Bring in Site ta' Triq l-Irmiġġ ġiet installata iżda hemm xi diffikultà go dik ta'Swatar minħabba li ma' hemmx spazju biżżejjed għal magna u l- ibins għalhekk din fil-mument qed tkun diskussa bejn l-operaturi ta'żewġt servizzi.

44.4.07 B'referenza għal minuti 42.4.08, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li CCTV kameras li huma finanzjati taħt l-Skema tal-LESA u dawk oħra li saru mal-bring in sites mill- operatur issa huma kollha nstallati.

44.4.08 B'referenza għal minuti 42.4.09 dwar il-Cleanup The World Campaign 2022, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-attività mħabbra saret kif pjanat nhar il-Gimgha16 ta' Settembru fejn kien hemm numru sabiħ ta' parteċipanti li huma membri fi ħdan il-komunitajiet tal-Bangladesh u Filippini li flimkien ma' voluntiera oħra taw is-sehem tagħhom biex jitnaddaf is-sit tal-ġibjun go Triq il-Wied.

Is-Sur Jean Claude Borg ippropona biex ssir ittra uffiċjali ta'ringrazzjament lill parteċipanti voluntiera mill-komunitajiet msemmija
Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

44.4.09 B'referenza għal- minuti 42.4.10 dwar il-kompetizzjoni marbuta mal-European Mobility Week, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret applikazzjoni għal fondi bi proposti ta' miżura permanenti ta' mobbilità sostenibbli li tipprovdi servizz ta' shuttle li jkun affidabbli, sikur u sostenibbli billi tiġi wżata vettura elettrika biex tittrasporta n-nies lejn post u lura bejn punti ta' tluq u ġbir magħżula li jinsabu fiċ-ċirku ta' ġewwa tal-Lokalità li ma tkunx moqdija mis-sistema nazzjonali tat-trasport pubbliku f'intervalli regolari.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament

44.4.10 B'referenza ghall minuti 42.5.05 dwar għal għajnuna mill- Msida St Joseph F.C (Nursery) biex jinġabru fondi għal flood lights tal-grawnd, Is-Sur Emanuel Brincat gharraf lill kunsilliera preżenti li jinsab infurmat li dawn se jsiru mill- Ministeru responsabbli għal l-isport.

44.4.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-aħħar quddiesa tal- Arċipriet go l-parroċċa ta' L-Imsida fejn pproponiet biex il-kunsill jippreżenta plakka bħala apprezzament għas-servizz li ta fil-Lokalità.
Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

44.4.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal Banda Melita San Guzepp Msida u pproponiet biex il-kunsill jippreżenta xi haga kommemorattiva għall-okkażjoni biex tkun go post prominenti fil-każin.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew bosta suġġerimenti u qablu unanimament li jiġi konsultat il-kumitat biex jaraw dak li hemm bżonn sa'massimu ta' €500 sakemm dan ikun hemm għalih plakka kommemorattiva li kien ingħata mill- Kunsill Lokali L-Imsida għal okkażjoni tal mitt sena anniversarju.

***Nota ta'Segretarju Eżekuttiv-***

44.4.12b *Wara din is- Seduta saret komunikazzjoni bejn il-kunsilliera bħala konsultazzjoni dwar proposta tas-Sindku biex l-ammont msemmi jingħata flimkien l-ammont approvat għat- talba deskritta fil-minuti 44.5.03 biex ikopri l-kumplament ta' somma meħtieġa għal irħama kommemorattiva u l-plakka.*

*Il-kunsilliera qablu unanimament u trid tiġi ratifikata waqt is-Seduta L8-45*

Is-Sinjura Romina Galea ħarġet fis 7:20pm.

**44.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

44.5.01 Is-Sindku tkellmet dwar stqarrija mill-ministeru għal Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża fejn ġiet varata skema ġdida għal- proġetti sostenibbli mill-kunsilli lokali. Hawn tat dettalji mħabbra mill-Ministru li ħabbret fondi allokati ta' €800,000 għal skema sabiex il-kunsilli lokali jwettqu proġetti ta' żvilupp sostenibbli fil-komunità. Il-kunsilli lokali huma mħeġġa jipproponu proġetti li jkomplu jtejbu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti u li jikkontribwixxu għall-ġid soċjali, ekonomiku, u ambjentali, bħal titjib fl-aċċessibbiltà, il-ħolqien ta' spazji miftuħa, green mobility, retrofitting ta' binjiet pubbliċi, u prattiċi innovattiva fl-immaniġġjar tal-iskart, fost oħrajn. Is-Sindku kompliet tispjega li Kunsilli jista' japplika għal din l-iskema bi proposti għal proġetti li jista' jitwettaq fix-xhur li ġejjin fejn jekk il-proposta tkun approvata din tista' tibbenefika minn finanzjament sa 85% tal-ispiża tal-proġett, sa massimu ta' €300,000. Hawn għamlet referenza għal minuti 42.5.07 fejn ipproponiet biex tkun preżentata l-embelishment go Pjazza Victor Denaro għal din l-skema minflok l-iskema SPI/SCI/9/2022 li għalija il-kunsill jista' jikkunsidra li jippreżenta applikazzjoni bi proposta ta' interess oħra li ġiet diskussa bosta drabi għal tisbiħ go' roundabout ta' Ċirku tal-Imsida.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif fil- mument qed isir xogħol ta' rikostruzzjoni f'żewġt toroq li jwasslu għal ma' Ċirku tal-Imsida. Kien hemm bżonn ukoll li jinbidlu ħafna servizzi mad-dawra inkluż dawk il- komunikazzjonijiet li hemm gol-bankini. Hawn kompla jispjega li meta staqsa lill-perit tal-kuntrattur imqabbad mil-I.M dwar dawn ix-xogħolijiet sar magħruf li se jsiru ukoll mill- ġdid il-bankini u tarmak mad-dawra kollha iżda mhux ir-roundabout . Għalhekk huwa żmien opportun biex ssir applikazzjoni għal dan il-proġett ekoloġiku li joffri ambjent aħjar għar-residenti ta'din iz-zona per urbana.

Is-Sur Alfred Farrugia issekonda l-proposta u spjega li l-kunsill ilu jiddiskuti minn żmien għal ieħor kif jista' ssir ċertu xogħol ta'tisbiħ tar- roundabout.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament biex il- proposta ta'embelishment go Pjazza Victor Denaro tiġi preżentata taħt l-iskema proġetti sostenibbli mill-kunsilli lokali minflok l-skema SPI/SCI/9/2022.li għanda tinbidel mal-proposta għal tisbiħ go' roundabout ta'Ċirku tal-Imsida.

44.5.02 B'referenza għal minuti 42.4.07, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li waslet l-istima ta' €1,595.36 inkluża l-VAT biex isir fanal f'nofs is-central strip ta' Triq L Zahmenhof.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament biex issir ix-xogħol.

44.5.03 B'referenza għal minuti 41.3.02 dwar proġetti b'kollaborazzjoni għas-Sena 2022, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talbiet għal fondi mill-Kunsill Reġjonali Lvant sa mhux aktar minn €2,500 taħt skema *Proġetti b'kollaborazzjoni ma' l-għaqdiet fil- Lokalità".
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l- kunsill bgħat kommunikazzjoni dwar din l-iskema lill għaqdiet lokali kif jidher fil-lista tal- korrespondenza b'dettalji dwar il-kundizzjonijiet sabiex japplikaw fejn sas- sedata tal-għeluq ta' sottomissjoni nhar it-Tnejn 26 ta'Settembru waslu għand il-kunsill Lokali it-talbiet msemmija. Msida St Joseph Youth Nursery (Wireless Printer/Scanner /Copier €249), Kumitat Festi nterni San Guzepp (Manutenzjoni tal-imħażen go Triq il-Kunċizzjoni €596.35) u Għaqda Melita Banda San Guzepp (Lapida Kommemorattiva tal- irħam

b'diversi kuluri li tfakkar għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-Għaqda, li titqiegħed f'post prominenti tal-każin €2,124)
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament biex il fondi jinqasmu St Joseph Youth Nursery €249 , Kumitat Festi nterni San Guzepp €596.35 u Għaqda Melita Banda San Guzepp €1654.65.

44.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda ċirkulari AKL 2022/087 Proġett - 30 Anniversarju Gvern Lokali u
fejn qed kull Lokalità' qed tintalab tindika liema hi dik il- ħaġa li hija sinonima jew tirrapreżenta l-lokal tal-Imsida. Hawn spjegat li lt-temi jistgħu ikunu personaġġi, monumenti, attività sportiva sinonima mal-lokal, tradizzjoni ta' ikel jew inbejjed, frotta jew ħaxixa u oħrajn. Għalhekk qed tipproponi l-Għajn tal-Ħasselin.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament

44.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda ċirkulari AKL 2022/096 - ROTA_Bicycle Racks - Local Council Initiative fejn spjegat li l- għaqda Rota infurmat lill assoċjazzjoni biex fejn hemm bżonn tista' tgħin billi twassal is-suġġerimenti tal-komunità biex issiru racks madwar il-Lokalità filwaqt Il-kunsilli lokali u l-intrapriżi mingħajr skop ta' qligħ huma eliġibbli li japplikaw sa 100% tal-ispiża. Hawn għamlet referenza għal minuti 13.5.16 fejn kien hemm ġa'propost biex dawn issiru għalhekk tajjeb li jkun kunsidrat x'hemm min din l-skema.

l-kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament biex dawn jibdew jiġu armati go zoni fejn il-kunsill jiddeċiedi li jista' jkun hemm bżonn.

44.5.06 B'referenza għal minuti 42.5.02 dwar kollaborazzjoni bejn l-Università ta' Malta u il-Kunsill Lokali tal-Imsida li jistgħu jwasslu għal sensiela ta' inizjattivi s-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda draft ta' MOU li ttieħed bħala moqri.
Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar data sharing fejn ikun hemm studju dwar il-Lokalità filwaqt li Sur Maurice Agius tkellem dwar l-anzjani
Is-Sindku wieġbet li l-MOU jinkludi kon diviżjoni tad-data minn studji magħmula minn studenti universitarji li jinkludi l-Imsida jew li jkunu rilevanti għall-Kunsill. Hawn fakkret li ġa jeżistu opportunitajiet fejn l-anzjani jistgħu jibbenefikaw bħal long life learning. Iżda il- ftehim qed jipprovdi li sakemm ikun hemm disponibbli l-kampus tal-Universita jista' jospita attivitajiet jew korsijiet speċifiċi tal-Kunsill speċjalment dawk b'komponent edukattiv jew ta' taħriġ li tista' tinkludi ukoll l-edukazzjoni għall-adulti. Ma dan hemm ukoll maħsub li ssir Open Day Annwali għar-residenti kollha tal-Imsida biex iżuru l-kampus f'Tal-Qroqq.
Il-kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament biex l-MOU ikun iffirmat.

44.5.07 B'referenza għal minuti 42.5.11 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar l- e-scooters u l-inkonvenjent li qed iġibu u talab biex il-kunsill jikkunsidra jalloka parkeġġ apposta bħal ma'qed ssir go lokalitajiet oħra. Hawn ippropona biex dawn issiru fil-kantuniera f'dawk it- toroq fejn id-direzzjoni ta'traffiku tippermetti.
Il-kunsilliera ddiskutew x'jista' ssir iżda ma' ħadux deċiżjoni.

44.5.08 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar għajnuna permezz ta' xogħol ta'manutenzjoni li sar f'Misraħ San Guzepp u Misraħ 5 ta'Ottubru minn ħaddiema tal-FTZD u ippropona li ssir nota uffiċjali ta'apprezzament. <l'CEO u haddiema>

Mizjuda <l'CEO u haddiema>

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota .

44.5.09 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar xogħol li qed ssir madwar l-Imsida u x' fadal pendenti minn xi talbiet li kien għamel f'seduti preċedenti. Tkellem ukoll dwar numru ta'pots li hemm ma'dawra tal- parkeġġ go Triq il-Wied ħdejn il-kunsill fejn spjega li l-għeruq ta' rand qed ibati go fihom għalhekk hemm bżonn li kif jasal iż-żmien dawn jitħawwlu go post aktar addattat fejn hemm aktar ħamrija. Hawn spjega li kkonsulta mal- ġardinar u Segretarju Eżekuttiv fejn instabu żewġt postijiet addattati go Swatar fi Triq Guze Ellul Mercer u Triq il-Balliju ta' Guttenberg (il-Loġġa) mad- dawra tal-bandli b'hekk fl-istess ħin din il-parti tingħalaq minħabba li xi wħud qed jabbużaw jidħlu bil- klieb jew biex irabbu it-tiġieġ jħallu miżbla. Semma ukoll il-parti li ġiet rranġata fejn hemm spazju bejn is-siġar li kien hemm bżonn jinqalaw minn Xatt Ta'Xbiex u ġew imħawwla go Triq Indrì Grima.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda stima mingħand il-ġardinar u spjega li rati ta'rilokazzjoni fil-post indikat mas- Sur Alfred Farrugia huma applikabbli mal-kuntratt kurrent. Hawn spjega li din l-istima tinkludi il-qlugħ ta' Rand minn 43 pot li jinbidel ma' pjanta tal-Clarissa li hija aktar addattata għal pots u tinkludi ħamrija u fertilizzanti ġdid għall- ammont ta' €63.72 kull pot inkluż il-VAT.

Il-kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament.

44.5.10 Is-Sur Maurice Agius llmenta dwar id-dewmien eċċessiv li qed ikun hemm mil-Enemalta dwar rapporti ta'ħsara jew applikazzjonijiet ġodda għal dawl b'referenza għal minuti 37.5.07 dwar id-dawl tal-fanal li sar go Sqaq J. Catania.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fil-fatt għadu qed jikkomunika dwar x'gara minn żewġt STL forms fl-stess triq li għadhom ma' ġewx proċessati.

44.5.11 B'referenza għal- minuti 39.5.14 u 39.5.15 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar l-ismijiet ta'toroq propost.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li mexxiet it-talba dwar tnejn mit-toroq diskussi iżda għada ma' mexxietx bil-proposta deċiża għal Triq it-Torri fin-naħa tas-Swatar minħabba ir-relazzjoni familjari tagħha fejn talbet biex il-kunsill jikkunsidra isem ieħor.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u unanimament reġgħu ikkonferma id-deċiżjoni preċedenti li Triq it-Torri f'naħa tas-Swatar għanda tissemma għal aħwa Cefai li taw kontribut siewi fil-qasam ta'Trade Unions f'Malta.

44.5.12 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar it-tiżjin ta' dawl tal-Milied għal go Triq D'Argen u ippropona disinn għal kunsiderazzjoni tal-kunsilliera preżenti biex ikun applikat mill- fond numru 4 għal proġetti b'kollaborazzjoni mill-Kunsill Reġjonali Lvant għas-Sena 2022.
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il- mejda l-istima li tkopri it-tiżjin ta' dawl go Triq D'Argen (€2500) u it-tiżjin ta' siġar go Misraħ San Guzepp b'dawl tal-Milied (€600). Hawn spjega li dawn jistgħu jiġu sottomessi għal fondi msemmija sa massimu ta'€3000 filwaqt li l-kunsill jista' jikkunsidra id-differenza ta' €100.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

44.5.13 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar scaffolding bla permess go Misraħ il-Barrieri

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

44.5.14 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar l-ismijiet ta'toroq u talab lill kunsill jikkunsidra li ssir sistema ta'skan fejn wieħed jista' jikseb aċċess għal l-informazzjoni dwar it-triq bħal ma hemm fil-ktieb Għal Għonq it-Triq.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew l-idea fejn unanimament approvaw li ssir riċerka għal sistemi biex din tkun żviluppata.

44.5.15 B'referenza għal minuti 39.4.03, dwar rikors fil-Qorti kontra deċiżjoni tal-Public Contracts Review Board relatat ma' KLMsd/TDR/01/2021,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Qorti ma' laqgħetx it-talba tal-appellant għalhekk il-kunsill seta' jibda bil- proċedura biex jagħti l-kuntratt għal aħjar offerent.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew kif se jitħaddem il-kuntratt u il-ġranet ta'ġbir fejn ġie deċiż kull nhar ta'Tnejn, Ħamis, Ġimgħa u is-Sibt jinġabar l- iskart goff, il-Weee jinġabar it-Tlieta filwaqt li l-Erbgħa tkun skond il-bżonn għal fly tipping.

44.5.16 B'referenza għal minuti 40.5.09, Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar sejħa għas-servizz b'offerta - Numru ta' referenza: KLMsd/TDR/01/2022 "Tender for the provision of street sweeping & cleaning services including rainwater culverts and the Collection of refuse from public litter and dog bin within the locality of l-Imsida & part of Swatar". Hawn għarraf lill kunsilliera preżenti li s-sejħa hija magħluqa fejn għalija kien hemm tlett offerti għal ammonti ta' €450,387.64 , €526,477 u €716,127.95. Ghalhekk talab biex jibda il-proċess għal evalwazzjoni BPQR mit-tlett membri fissi tal-bord flimkien mal-membru ta' professjoni legali u ieħor li għad irrid ikun appuntat.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai issuġġeriet biex il-kunsill jara jekk jistax jinvolvi l-uffiċjal reġjonali responsabbli mill- immaniġġjar u l-Koordinazzjoni għal-Iskart.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li l-bord għandu jibda il-proċess.
Is-Segretarju Eżekuttiv ha'nota

**44.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

Ma kienx hemm rapporti

**44.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

44.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-44 ta' ħlasijiet bejn il- 31 ta' Awissu sa 27 ta'Settembru 2022.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew il-kumplament tal-iskeda li ġiet proposta mis-Sur Maurice Agius u s-sekondat mis-Sur Alfred Farrugia.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw il-kumplament tal-iskeda unanimament.

**44.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

44.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 25 ta'Ottubru 2022 fil-5:30 p.m.

Minuti konfermati, illum 25 ta'Ottubru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |